Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 271/2012

**Areti Corporate Services Limited**

**Vs**

**Fal-Con Limited**

It-Tnejn, 7 ta' Novembru 2016.

1. Is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tad-9 ta' April, 2015 li kkundannata thallas is-somma ta' €3,494 hlas ghal drittijiet professjonali ghal servizzi ta' accounting bejn l-1 ta' Ottubru 1998 u l-31 ta' Lulju 2008. L-aggravji tal-konvenuta huma:

   i. Il-provi tal-konvenuta ttellghu biss f'seduta wahda. It-Tribunal ivvjola l-principju tal-gustizzja naturali ta' smigh xieraq. Il-konvenuta ma nghatatx l-opportunita li tiddefendi ruhha.
   ii. It-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi.

2. Il-konvenuta wiegbet li s-sentenza hi gusta u ghandha tigi kkonfermata.

3. **<u>L-ewwel aggravju.</u>**

   3.1 Dan l-aggravju hu fieragh meta tqies li mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2015 ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet talba biex tressaq iktar xhieda. F'kull kaz is-seduta ta' qabel saret fil-11 ta' Dicembru, 2014. Dan ifisser li kieku riedet il-konvenuta kellha perjodu ta' kwazi xahrejn biex tharrek ix-xhieda li riedet. Fil-fatt ghal dik is-seduta ma harrkitx xhieda u dakinhar xehed biss Joseph Falzon.

   3.2 fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015 id-difensur tal-konvenuta ddikjarat: *"…. ser tistrieh fuq il-provi li jinsabu fl-atti."* u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tad-9 ta' April, 2015. Il-konvenuta fl-ebda hin ma talbet biex il-qorti tirrevedi l-ordni li tat waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2014 cjoe' li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2015 issir trattazzjoni.

   3.3 Fis-seduta ta' wara nghatat is-sentenza fil-prezenza tad-difensur tal-konvenuta. Dakinhar ukoll ma saritx xi talba biex il-qorti ma tatix is-sentenza. Sahansitra ma jirrizultax li wara s-seduta tat-18 ta' Frar 2015 sas-seduta tad-9 ta' April 2015, il-konvenuta ghamlet xi talba sabiex il-qorti ma tatix is-sentenza.

   3.4 Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konvenuta m'ghandhiex jedd tilmenta li ma nghatatx smigh xieraq.

4. **<u>Tieni aggravju.</u>**

4.1 Dan l-aggravju hu bazat fuq it-tezi li s-socjeta konvenuta qatt ma kellha x'taqsam ma' dik attrici u li effettivament ix-xoghol sar minn haddiehor.

4.2 Jidher li Joseph Falzon (direttur tas-socjeta konvenuta) u Renald Micallef (direttur tas-socjea attrici) kienu hbieb, u Falzon talbu jaghmillu xoghol ta' *accounting* fir-rigward ta' perjodu ta' hdax-il sena (1998-2008).

4.3 Fil-31 ta' Dicembru, 2009 l-attrici baghatet lill-konvenuta kont ghall-hlas ta' €3,504.60 bhala hlas ghas-servizzi professjonali. Is-servizz gie deskritt hekk: *"Accountancy services rendered – Writing up your bank payments from information supplied for the years 1 October 1998 to 31 July 2008."* M'hemmx prova li l-konvenuta pprotestat ghal dak il-kont.

4.4 Joseph Falzon xehed li x-xoghol sar minn Edmond Mugliette, li pero' ma ressaqx bhala xhud biex jikkorabora dik il-verzjoni. Kompla: *"Nghid li ghalkemm kellna meeting ma' dan Dr Renald Micallef ahna qatt ma qabbadnih biex jaghmel l-audit."* Il-kawza tal-lum m'ghandha x'taqsam xejn ma' *audit*. Li kieku il-konvenuta ma tatx inkarigu u ghaddiet id-dokumenti relattivi, ma kienx ser isir ix-xoghol li fil-fatt sar (ara fol. 22 sa fol. 41). Il-qorti taqbel mat-Tribunal meta qal: *"Is-socjeta attrici ma kinitx ser taghmel dak ix-xoghol kollu kieku mhux ghax kienet inkarigata taghmlu u dana bi skop ta' hlas."*

4.5 Il-qorti lanqas temmen lil Falzon meta qal li l-ewwel darba li sar jaf bl-attrici kien meta rcieva l-kont. Fil-fatt hu stess xehed: *"Qabel in-1998 gieli hdimt ma' Busuttil & Micallef izda Areti Corporate Services Limited qatt ma hdimt maghhom,* ***imma kienu kollha fl-istess indirizz."*** (fol. 58).

4.6 Waqt it-trattazzjoni id-difensur tal-konvenuta ghamel riferenza ghal dak li xehed Hector Spiteri, *"L-inkarigu da parti tas-socjeta konvenuta nghaddiet direttament lil Renald Micallef li hu direttur iehor tal-istess socjeta attrici…."* (fol. 11). Kliem li qal li juri kemm ir-relazzjoni kienet semmai bejn Micallef u s-socjeta konvenuta. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

4.6.1 Renald Micallef hu direttur tas-socjeta konvenuta;

4.6.2 Areti Corporate Services Ltd hi kumpannija li biha Micallef jaghti servizz ta' *Tax & Management Consultants*.

4.6.3 Joseph Falzon ikkonferma li kien ircieva l-kont minghand l-attrici (fol. 57). Kont li ntbaghat aktar minn sentejn qabel l-attrici ipproponiet il-kawza. Fuq bazi ta' probabilta min jircievi kont meta

ma jkunx debitur, jikkontestah *a tempo vergine*. F'dan il-kaz m'hemmx prova li l-konvenuta pprotestat meta rceviet il-kont.

4.6.4 Il-qorti tifhem il-kliem li qal ix-xhud Hector Spiteri li jfisser li Falzon kien tkellem personalment ma' Renald Micallef. Ovvjament Falzon kellu jitkellem ma' xi hadd ghaliex il-kumpannija hi persuna guridika, u f'dan il-kaz tkellem ma' Renald Micallef li kien habib tieghu. M'hemmx prova li Falzon kien insista li x-xoghol jaghmlu personalment Micallef.

4.7 Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal kien gustifikat li jasal ghal konkluzjoni li effettivament wasal ghaliha. Mis-sentenza hu evidenti wkoll li Joseph Falzon, li xehed quddiem it-Tribunal, ma kkonvinciex lit-Tribunal bil-verzjoni li ta. Ma ssemmiet l-ebda raguni valida ghalfejn din il-qorti ghandha tiskarta d-diskrezzjoni li ghandu t-Tribunal meta jaghmel l-apprezzament tal-provi li twasslu ghad-decizjoni finali.

5. Fl-ahharnett il-qorti ghal darb'ohra terga' ttenni li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu jizgura li meta konvenut jaghti eccezzjoni b'mod generiku, f'dan il-kaz intqal: *"Illi t-talbiet attrici hekk kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma reklamata mis-socjeta attrici mhux dovuta."*, qabel jibda s-smigh tal-provi ghandu jordna lill-konvenut biex jiddikjara b'mod car ghalfejn qieghed isostni li l-hlas m'huwiex dovut. Hekk biss l-attur ikun jaf x'inhi l-kontestazzjoni ghat-talba tieghu, u ma jigix permess li l-konvenut johloq difiza waqt is-smigh tal-provi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta. Peress li tqies li l-appell hu frivolu, tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez ghal darbtejn.**

Anthony Ellul.